

Brussell, 4 ta' Ġunju 2021  
(OR. en)

9147/21

SOC 372  
EMPL 278  
ECOFIN 564  
EDUC 221  
SAN 359  
GENDER 70  
ANTIDISCRIM 70

**NOTA**

---

minn:	Employment Committee and Social Protection Committee
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kumitat tal-Impjiegi u Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali Semestru Ewropew a) Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) tal-2020 u dawk rilevanti tal-2019 - Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) - Approvazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-opinjoni msemmija hawn fuq bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħha mill-Kunsill (EPSCO) fl-14 ta' Ġunju 2021.

# **Opinjoni tal-EMCO u l-KPS dwar iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2021**

## **Preambolu**

Abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-Titoli IX u X tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE); il-mandat tal-Kumitati mogħti mill-Artikoli 150 u 160; u d-deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kumitati, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) wettqu analiżi tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) tal-Kunsill tal-2020 u partijiet mis-CSRs rilevanti tal-2019 fl-oqsma tal-impjiegi, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali (it-**Taqsim**a 2 ta' din l-opinjoni). It-**Taqsim**a 1 fiha l-fehmiet tal-Kumitati dwar l-aspetti ta' governanza tas-Semestru Ewropew.

## **Taqsim**a 1

### **Aspetti ta' governanza ġenerali taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2021 u fehmiet dwar il-futur tas-Semestru**

Matul l-aħħar deċennju, is-Semestru Ewropew kien il-qafas għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-UE, li jkopri l-politiki fiskali, ekonomiċi, tal-impjiegi u dawk soċjali b'mod integrat.

Il-governanza tal-politika tal-impjiegi u dik soċjali hija integrata bis-sħiħ fis-Semestru Ewropew<sup>1</sup>. L-Artikolu 148 TFUE huwa l-bażi għal għadd ta' kompiti b'mandat skont it-trattat, li kollha jinvolvu rwol ewlieni għall-Kumitati EPSCO: il-Linji gwida dwar l-Impjiegi, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER), kif ukoll attivitajiet oħra ta' monitoraġġ fl-oqsma tal-impjiegi u dawk soċjali. It-Trattat jirrikjedi li l-Istati Membri jikkontribwixxu għall-*"istrateġija koordinata għall-impjiegi" ... "b'mod konsistenti"* mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi (l-Artikolu 146 TFUE). Barra minn hekk, id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jstabbilixxu l-EMCO u l-KPS jappellaw liż-żewġ Kumitati biex jikkontribwixxu għall-aspetti kollha tas-Semestru Ewropew fil-qasam ta' kompetenza tagħhom u jirrapportaw dwarhom lill-Kunsill.

F'konformità mal-Artikolu 148 TFUE, kull sena l-EMCO jeżamina l-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jimplimentaw il-politiki tal-impjiegi tagħhom, fid-dawl tal-linji gwida dwar l-impjiegi, kif stabbilit fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) u jinforma lill-Kunsill dwar l-eżami tiegħu. Abbażi tal-mandat tiegħu, il-KPS iwettaq analiżi simili tal-implimentazzjoni tar-riformi fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu. Ir-risultat ta' dawn l-attivitajiet ta' monitoraġġ huwa rappurtat lill-Kunsill u jintuża fid-diskussjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) maħruġa lill-Istati Membri (b'aktar minn 40 % ta' dawn jindirizzaw l-isfidi fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet u l-politika soċjali fiċ-ċikli tal-2019 u l-2020). Barra minn hekk, abbażi tal-eżami msemmi hawn fuq, u f'kooperazzjoni mal-KPS, l-EMCO jagħti l-kontribut tiegħu għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi lill-Kunsill Ewropew dwar is-sitwazzjoni tal-impjiegi fl-Unjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar l-impjiegi.

It-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020 kienet teħtieġ **aġġustamenti temporanji għas-Semestru Ewropew**. Il-kriżi li għaddejja kienet teħtieġ miżuri straordinarji, li rriżultaw fl-istabbiliment tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) - strument ta' finanzjament mingħajr preċedent għall-investiment u r-riformi biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi u jiġi appoġġat irkupru ekonomiku inklużiv u sostenibbli kif ukoll tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti.

---

<sup>1</sup> Il-bażi ġuridika għas-Semestru Ewropew hija stabbilita fl-Artikolu 121 TFUE dwar il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u fl-Artikolu 148 dwar il-koordinazzjoni tal-politika tal-impjiegi.

L-RRF kellha impatt kemm fuq l-iskeda ta' żmien kif ukoll fuq ir-riżultati tanġibbli tas-Semestru Ewropew, li min-naħa tiegħu influwenza l-proċess ta' sorveljanza multilaterali tal-iżviluppi fil-qasam tal-impjiegi u tal-politika soċjali. B'mod partikolari, il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs), aktar milli l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR), intgħażlu bħala d-dokumenti ta' referenza ewlenin dwar l-inizjattivi ta' riforma tal-Istati Membri f'dan iċ-ċiklu eċċezzjonali tas-Semestru. Ir-Rapporti tal-Pajjiżi tal-2021 għandhom jiġu sostitwiti mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-RRPs, filwaqt li s-CSRs mhux fiskali mhux ser jinħarġu fl-2021. Barra minn hekk, l-analiżijiet multilaterali tal-2021 fl-EMCO u l-KPS saru qabel il-pubblikazzjoni tal-RRPs, li ma ppermettewx lill-Kumitati jqisu biżżejjed il-potenzjal tal-miżuri previsti fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) nazzjonali biex jindirizzaw is-CSRs 2019-2020 fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali. Il-proċess ta' governanza tal-RRF ma ppreveda l-ebda rwol formali għall-EPSCO u l-korpi konsultattivi tiegħu, li jimmarka devjazzjoni sinifikanti mis-snin preċedenti, fejn l-EMCO u l-KPS kienu involuti fl-aspetti kollha tas-Semestru Ewropew li jaqgħu taħt il-mandat tagħhom.

F'dan l-isfond, **l-EMCO u l-KPS komplew jimmonitorjaw l-isforzi tal-Istati Membri biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2020 u s-CSRs rilevanti tal-2019**. Il-kwistjonijiet ta' natura trasversali ġew eżaminati b'mod konġunt miż-żewġ Kumitati; dan ippermetta eżami komprensiv tal-isfidi komuni u t-tfassil ta' reazzjonijiet ta' politika xierqa. Filwaqt li espendew b'mod sinifikanti d-diskussjonijiet orizzontali li ilhom stabbiliti, il-Kumitati qiegħdu enfasi akbar fuq l-aspetti multilaterali u tematiċi tal-ħidma tagħhom. Dan ipprova lill-Istati Membri b'opportunitajiet addizzjonali biex jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet fil-fond dwar kif għandhom jiġu indirizzati kemm l-isfidi strutturali kif ukoll dawk emerġenti li jikkomplimentaw ir-rieżamijiet tas-CSR.

L-EMCO u l-KPS komplew ifittxu l-involvement ta' **Kumitati u korpi konsultattivi rilevanti ta' formazzjonijiet oħra tal-Kunsill** fl-attivitajiet tagħhom relatati mas-Semestru. L-EMCO mexxa d-diskussjonijiet tiegħu dwar is-CSRs dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet b'mod konġunt mal-Kumitat tal-Edukazzjoni (EDUC), filwaqt li l-KPS fittex l-involvement tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika f'Livell Għoli (WPPHSL) permezz tad-delegati nazzjonali tiegħu. Dawn l-interazzjonijiet saħħew is-sustanza politika tad-diskussjonijiet u wasslu għal kunsiderazzjonijiet aktar olistiċi tal-kwistjonijiet fi ħdan il-kompetenza tal-EMCO u l-KPS.

Il-proċess tas-Semestru temporanjament modifikat affettwa l-interazzjonijiet mal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (KPE), is-Sħab Soċjali u r-rappreżentanti tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili. B'mod partikolari, in-nuqqas ta' CSRs mhux fiskali fl-2021 **naqqas l-opportunitajiet għall-ħidma konġunta tal-Kumitati EPSCO u ECOFIN dwar is-Semestru**. Madankollu, f'April 2021 sar skambju ta' politika konġunt EMCO-KPE dwar suġġetti ta' interess reċiproku, li huma wkoll ta' rilevanza għall-governanza tas-Semestru Ewropew (il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Soċjali, b'enfasi partikolari fuq il-miri ewlenin tal-UE u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta; ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi (EASE), u l-implimentazzjoni tal-Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE)). Il-Kumitati EPSCO ser ikompli jfittxu aktar opportunitajiet għal kooperazzjoni regolari u aktar mill-qrib bejn il-Kumitati fiċ-ċiklu li jmiss tas-Semestru u lil hinn minnu u ser jibqgħu impenjati li jfittxu l-fehmiet tas-Sħab Soċjali u l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili.

L-EMCO u l-KPS huma tal-opinjoni li s-Semestru Ewropew jibqa' għodda ta' koordinazzjoni **effettiva** għat-trawwim ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, il-kompetittività, l-impjiegi, u għal protezzjoni soċjali u inklużjoni soċjali adegwati, speċjalment waqt il-kriżi attwali. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill EPSCO dwar l-ASGS tal-2021, il-ministri appellaw għal ritorn mill-aktar fis possibbli għal ċiklu sħiħ tas-Semestru li jippermetti proċess ta' sorveljanza multilaterali komprensiv fl-oqsma tal-impjiegi u tal-politika soċjali, filwaqt li tissaħħaħ il-koordinazzjoni integrata tal-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali.

Fir-rigward tal-aġġustamenti proċedurali relatati maċ-ċiklu tas-Semestru 2021, il-Membri huma tal-fehma li l-bidliet li tat bidu għalihom l-RRF kienu ġustifikati. Ir-rekwiżiti ta' rappurtar modifikati ppermettew lill-Istati Membri jiffukaw fuq risponsi u riformi urġenti ta' politika kontra l-kriżi. Madankollu, dawn l-aġġustamenti għandhom jibqgħu temporanji u hemm **appoġġ ferm kbir fost il-Membri taż-żewġ Kumitati għal ritorn f'waqtu għal proċess komprensiv tas-Semestru, li jerġa' jdaħħal l-elementi ewlenin kollha tas-Semestru, diġà fiċ-ċiklu li jmiss**.

B'mod partikolari, iż-żewġ Kumitati huma tal-fehma li **huwa kruċjali li jiġi żgurat monitoraġġ adegwat tal-iżviluppi tal-impjiegi u tal-politika soċjali u tar-reazzjonijiet ta' politika**. Il-membri enfasizzaw in-natura b'saħħitha li tħares 'il quddiem tal-proċess tas-Semestru u l-ħtieġa li tinżamm l-enfasi fuq sfidi strutturali fit-tul b'mandat usa' li jmur lil hinn mir-riformi u l-investimenti previsti bħala parti mill-RRPs.

F'dak ir-rigward, il-**Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNRs)** għandhom jibqgħu l-għodda ta' rappurtar rilevanti għar-riformi strutturali u l-progress lejn l-implimentazzjoni tas-CSR, filwaqt li l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-RRP għandha tiġi integrata bis-siġħ fil-proċess tas-Semestru. F'dak il-kuntest, **ir-rabta bejn il-PNRs u l-RRPs għandha tkun artikulata aħjar**. Peress li l-PNRs ikopru ambitu usa' ta' kwistjonijiet fi proċess komprensiv tas-Semestru, ir-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż dwar il-kisba tal-istadji importanti u l-miri tal-RRP, jista' jiġi integrat fil-PNRs. Huwa importanti li tiġi evitata d-duplikazzjoni fir-rappurtar. Barra minn hekk, f'konformità mal-mandat tagħhom, il-Kumitati EPSCO jqisu li għandhom ikunu involuti fid-diskussjoni dwar l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-RRPs u l-PNRs.

Il-Kumitati huma tal-opinjoni li l-aspetti ta' **sorveljanza multilaterali** tal-proċess tas-Semestru għandhom jinżammu. Ir-**Rapporti tal-Pajjiżi** komprensivi u regolari taċ-ċikli preċedenti għandhom jerġgħu jiddaħħlu miċ-ċiklu li jmiss, bħala bażi għall-iskambju bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fir-rigward tal-progress fl-implimentazzjoni tas-CSR. L-EMCO u l-KPS huma wkoll tal-fehma li r-**rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż** mhux fiskali għandhom jerġgħu jiddaħħlu, anke fid-dawl tal-importanza tal-kwistjonijiet marbuta mal-impjiegi u dawk soċjali fl-aġendi ta' riforma tal-Istati Membri. Hemm appoġġ fost ħafna Stati Membri għal **CSRs b'dimensjoni pluriennali f'ċerti oqsma ta' politika, akkumpanjati minn Rapporti annwali tal-Pajjiżi u sorveljanza multilaterali**.

**Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER)** għandu jkimpli jippreżenta ħarsa ġenerali annwali tal-iżviluppi ewlenin fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali fl-Unjoni Ewropea, inklużi l-isforzi ta' riforma tal-Istati Membri. Il-JER jibqa' għodda xierqa ta' monitoraġġ u analiżi. Fil-futur, dan jista' jkimpli jirrifletti l-impatt tal-pandemija fuq l-iżviluppi ewlenin fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali, filwaqt li jestendi l-bażi analitika tiegħu billi jintegra l-miri ewlenin ġodda tal-UE u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta, u possibbilment jirrifletti wkoll il-miżuri għall-irkupru u r-reżiljenza implimentati mill-Istati Membri fil-kuntest tal-RRPs tagħhom. Fil-futur, il-JER għandu jkimpli jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Linji gwida dwar l-Impjiegi skont il-mandat mogħti mit-Trattat u jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Soċjali li ġew integrati fil-Linji gwida dwar l-Impjiegi. Għodod ta' monitoraġġ eżistenti oħra tal-EMCO u l-KPS ukoll jibqgħu rilevanti u għandhom ikomplu jikkontribwixxu għall-proċess tas-Semestru.

L-EMCO u l-KPS laqgħu wkoll ir-rabiet mas-Semestru fil-**Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR AP)**. Il-miri ewlenin tal-UE fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet u l-politika soċjali ppreżentati fil-Pjan iwiegħbu għas-sejħiet miż-żewġ Kumitati u l-Ministri tal-EPSCO għal segwitu għall-Istrateġija Ewropa 2020. Wara d-dikjarazzjoni ta' Porto<sup>2</sup>, il-miri ewlenin imħabbra fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandhom jiġu integrati bis-sħiħ fis-Semestru Ewropew, abbażi tal-esperjenza bl-Istrateġija Ewropa 2020.

---

<sup>2</sup> Kunsill Ewropew, 8 ta' Mejju 2021, Dikjarazzjoni ta' Porto. Fis-Summit Soċjali ta' Porto l-mexxejja tal-UE laqgħu "*l-miri ewlenin tal-UE [...] u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta proposti fil-Pjan ta' Azzjoni li ser jgħinu fil-monitoraġġ tal-progress lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Soċjali, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti, u bħala parti mill-qafas ta' koordinazzjoni tal-politika fil-kuntest tas-Semestru Ewropew*".

B'ħarsa lejn il-futur, il-Kumitati jirrikonoxxu li hemm lezzjonijiet pożittivi li jistgħu jittieħdu miċ-ċiklu tas-Semestru 2021, iżda jtennu li r-rwol tal-EPSCO u l-korpi konsultattivi tiegħu fil-proċess tas-Semestru għandu jinżamm f'konformità maċ-ċikli tas-Semestru tal-passat u b'applikazzjoni sħiħa tat-Trattat (l-Artikolu 148 TFUE) u l-mandati rispettivi taż-żewġ Kumitati. Peress li s-Semestru sar il-qafas ta' governanza għall-RRF kif ukoll għall-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR AP), jistgħu jkunu meħtieġa xi bidliet fil-proċess futur tas-Semestru. Madankollu, jibqa' importanti li **jinżamm il-bilanċ bejn l-aġġustamenti temporanji u mmirati relatati mat-tnedija tal-RRF u l-għan usa' tas-Semestru**. L-isforzi biex jiġu ssimplifikati u ottimizzati ċ-ċikli futuri tas-Semestru għandhom jinkludu **djalogu mal-Istati Membri u diskussjoni xierqa fil-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill u l-korpi konsultattivi tagħhom**. Il-kooperazzjoni bejn il-kumitati konsultattivi tal-ESPCO u korpi preparatorji oħra tal-Kunsill, b'mod partikolari l-KPE, l-EDUC u d-WPPHSL, għandha tissaħħaħ aktar fil-kuntest ta' proċess tas-Semestru komprensiv. Għandu jiġi żgurat ukoll l-involviment kontinwu tas-Sħab Soċjali u l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili.

## Taqsim 2:

### **Sejbiet prinċipali mir-rieżamijiet ta' sorveljanza multilaterali tal-EMCO u l-KPS dwar l-implimentazzjoni tas-CSRs tal-2020 u dawk rilevanti tal-2019: Il-kriżi serviet ta' katalist għall-azzjoni, iżda t-tqarrib ta' miżuri fuq perijodu qasir ta' żmien ma' riformi strutturali aktar fit-tul jitlob aktar sforzi**

Is-sorveljanza multilaterali, li tinvolvi valutazzjoni bejn il-pari tal-isforzi ta' implimentazzjoni tar-riformi mill-Istati Membri, hija waħda mill-kompiti ewlenin tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS). Din għandha rwol essenzjali x'taqdi fil-qafas tas-Semestru Ewropew, billi tippermetti fehim kondiviż ta' sfidi interkonnessi u tappoġġa l-isforzi ta' riforma tal-Istati Membri permezz ta' skambji ta' għarfien dwar il-politiki u tal-aħjar prattiki.

Fl-2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 kienet teħtieġ l-adattament temporanju tas-Semestru Ewropew, kif ukoll l-istabbiliment tal-RRF u l-inklużjoni tagħha fil-proċess tas-Semestru. Il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali adattaw l-attivitajiet tagħhom relatati mas-Semestru u komplew jimmonitorjaw l-isforzi tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tar-riformi, permezz ta' rieżamijiet multilaterali ffukati fuq is-CSRs tal-2020, u l-elementi tas-CSRs tal-2019 li għadhom jitqiesu rilevanti.

Matul l-ewwel nofs tal-2021, l-EMCO u l-KPS wettqu 112-il analiżi bħal dawn, inklużi 14-il analiżi foqsmi ta' interess reċiproku, li twettqu b'mod konġunt miż-żewġ Kumitati. Ir-rieżamijiet tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet (b'kollox 26) twettqu b'mod konġunt mill-EMCO u l-Kumitat tal-Edukazzjoni (EDUC). Minbarra dawk ir-rieżamijiet, ir-rieżami tal-2020 dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol ġiet organizzata għall-ewwel darba bħala diskussjoni tematika konġunta EMCO-KPS.

Għar-rieżamijiet kollha speċifiċi għall-pajjiżi, l-evalwazzjonijiet kienu bbażati fuq ir-rappurtar tal-Istati Membri dwar l-aktar miżuri reċenti meħuda, segwiti minn valutazzjonijiet ta' dawk il-miżuri mill-Istati Membri l-oħra u mill-Kummissjoni. Biex jiġi aċċentwat l-aspett multilaterali tar-rieżamijiet, l-element tematiku, fil-forma ta' diskussjonijiet fil-fond dwar kull qasam ta' politika taħt il-kompetenza tal-Kumitati, ġie msaħħaħ fl-2021. In-natura tematika tad-diskussjonijiet fiż-żewġ Kumitati kkontribwixxiet għat-tnejn ta' konklużjonijiet orizzontali, li huma ppreżentati f'din it-taqsim.

### **Riformi fil-qasam tal-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol u s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi**

Fi Frar 2021, twettqu 20 rieżami fil-qasam tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs) u tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES). Il-fokus kien prinċipalment fuq ir-reazzjonijiet ta' politika fil-kuntest tal-COVID-19, bħal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, u indirizza wkoll aspetti aktar strutturali bħall-komunikazzjoni maż-żgħażaġh u l-gruppi vulnerabbli, kif ukoll l-effettività tal-PES biex jipprovdu servizzi lill-persuni qiegħda u lil dawk li qed ifittxu impjieg b'mod partikolari fil-kuntest tal-pandemija.

It-tifqigħa tal-pandemija ġiegħlet lill-Istati Membri jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq il-mitigazzjoni tal-impatt tal-kriżi fuq il-ħaddiema, l-unitajiet domestiċi u n-negozji. Ir-rispons involva taħlita ta' miżuri dwar il-politika fiskali, tal-impjiegi u soċjali. L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u s-sussidji tal-pagi ntużaw ferm biex jappoġġaw iż-żamma tal-impjiegi. F'xi każijiet, l-iskemi kienu bbażati fuq strumenti eżistenti – anke jekk ġew estiżi u/jew adattati – u f'oħrajn ġew introdotti miżuri *ġodda*.

L-impatt tal-pandemija kien asimmetriku, u għalhekk kellu impatt divers fuq il-forza tax-xogħol f'termini ta' severità. Konsegwentement, ingħataw diversi forom ta' assistenza finanzjarja b'mod partikolari lil dawk li jaħdmu għal rashom jew lil dawk b'kuntratti atipiċi, inklużi ħaddiema staġjonali u gruppi vulnerabbli oħra, biż-żgħażaġh u n-nisa tipikament rappreżentati żżejjed fost dawk b'kuntratti b'terminu fiss. Madankollu, l-appoġġ f'waqtu pprovdut kellu rwol kruċjali fil-mitigazzjoni tal-impatt ġenerali tal-kriżi fuq il-livelli tal-impjiegi, filwaqt li jiżgura ż-żamma tal-impjiegi u jqiegħed il-pedamenti għall-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet tal-impjiegi. F'għadd ta' Stati Membri, il-miżuri kontra l-kriżi tfasslu b'mod konġunt mas-sħab soċjali.

L-Istati Membri saħħew ukoll l-ALMPs, b'mod partikolari fir-rigward tat-taħriġ u l-konsulenza għal persuni li qed ifittxu impjieg u għall-ħaddiema f'riskju għoli li jtilfu l-impjieg tagħhom. Minbarra l-miżuri għal impjieg issussidjat, ġew implimentati wkoll korsijiet ta' taġlim mill-bogħod, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u taħriġ diġitali bil-ħsieb li jiġu appoġġati kemm il-ħaddiema (inklużi dawk li nġhataw is-sensja temporanjament) kif ukoll dawk li qed ifittxu impjieg. L-Istati Membri spiss applikaw ukoll arranġamenti ta' xogħol flessibbli bħat-telexogħol, għalkemm f'xi każijiet il-qafas regolatorju nazzjonali kellu jiġi rivedut. Saru wkoll aġġustamenti temporanji fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri indirizzaw b'mod wiesa' l-elementi tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-mitigazzjoni tal-impatt tal-kriżi fuq l-impjiegi, għalkemm fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri taħt rieżami, huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh li qed jiżdied u jingħata appoġġ lil gruppi vulnerabbli.

Ġew sottolinjati wkoll xi dgħufijiet, u prinċipalment huma relatati mar-reazzjonijiet ta' politika għall-isfidi strutturali. Matul id-diskussjoni, irriżulta li f'diversi Stati Membri l-kriżi tal-COVID-19 interrompiet jew naqqset ir-ritmu tal-implimentazzjoni tar-riformi ta' attivazzjoni u tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES). Għad fadal sfidi importanti rigward il-kapaċità u l-organizzazzjoni tal-PES; il-parteċipazzjoni ta' dawk li qed ifittxu impjieg fl-ALMPs; l-appoġġ effettiv u mmirat għal dawk li qed ifittxu impjieg, għan-NEETs u għal gruppi vulnerabbli oħra bħal persuni b'diżabbiltà u persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, u t-tneħħija tal-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ir-riformi strutturali bbażati fuq approċċi mmirati għadhom meħtieġa biex jingħelbu dawn il-kwistjonijiet jew - f'xi każijiet - l-implimentazzjoni għadha fi stadju bikri. Madankollu, saru jew ġew ippjanati xi sforzi biex jiżdied il-persunal u jittejjeb it-tagħmir teknoloġiku użat fil-PES, inkluż billi jsir investiment fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi sabiex tiżdied il-kapaċità tagħhom u tiġi żgurata l-kontinwità matul il-pandemija u wara.

Id-disponibbiltà tal-finanzjament tal-UE (b'mod partikolari mill-FSE, SURE u REACT-EU) ikkontribwiet għall-espansjoni sinifikanti tar-riżorsi nazzjonali ddedikati għall-implimentazzjoni ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex jiġu ppreservati l-impjiegi u jiġu appoġġati dawk li qed ifittxu impjieg, kif ukoll miżuri li jappoġġaw il-kapaċità tal-PES. Madankollu, ġie espress tħassib dwar is-sitwazzjoni fit-tul meta l-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza ma tkomplewx. Dan huwa marbut mill-qrib ukoll mal-proċess ta' ristrutturar ekonomiku ġenerali u l-isfida tal-valutazzjoni tal-vijabbiltà tan-negozji bħala bażi għall-adattament tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u l-appoġġ għas-sussidju tal-pagi. Il-prevalenza tan-nuqqas ta' ħiliet f'xi setturi għandha tiġi kkunsidrata wkoll f'dan ir-rigward. L-Istati Membri qed jikkunsidraw ukoll riformi u investimenti ġodda fil-qasam tal-miżuri ta' attivazzjoni, bl-użu tal-Fondi NextGenerationEU permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Hemm kunsens ġenerali dwar il-ħtieġa li jiġu introdotti miżuri li jrawmu r-rilokazzjoni tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol, b'attenzjoni partikolari għall-prospetti ta' impjieg ta' dawk il-gruppi l-aktar milquta mill-kriżi, b'mod partikolari ż-żgħażaġh, in-nisa, il-persuni b'diżabbiltà kif ukoll il-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri qed iħarsu prinċipalment lejn l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin għal azzjoni ta' politika futura, f'konformità mat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

Huma meħtieġa monitoraġġ kontinwu u evalwazzjonijiet tal-impatt biex jiġi vvalutat l-impatt tal-pandemija u - meta jkun meħtieġ - jingħata aktar appoġġ.

### **Riformi fil-qasam tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol permezz tal-aċċess għall- edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) u l-kura fit-tul (LTC)**

F'April 2021 l-EMCO u l-KPS irrieżaminaw b'mod konġunt is-CSRs rilevanti tal-2019 għal erba' Stati Membri u CSR waħda tal-2020 għal Stat Membru wieħed fir-rigward tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol permezz tal-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) u l-kura fit-tul (LTC), inkluż, għal Stat Membru wieħed, l-integrazzjoni tal-ALMPs u l-politiki soċjali.

Fid-diskussjoni ħarġu għadd ta' sfidi ta' politika komuni, inkluż fir-rigward tad-differenza persistenti bejn il-ġeneri fl-impjiegi, is-sehem għoli ta' impjiegi part-time tan-nisa, id-differenzi bejn il-ġeneri fil-pagi u l-pensjonijiet, u l-kawżi tagħhom. Filwaqt li r-responsabbiltajiet tal-kura għandhom rwol ewlieni fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, l-istereotipi marbuta mal-ġeneru jippersistu wkoll u għandhom impatt konsiderevoli fuq ir-riżultati. Għalhekk ġiet enfasizzata d-dimensjoni qawwija tal-ġeneru fis-settur tal-LTC u l-impatt tagħha kemm għall-ħaddiema formali kif ukoll għall-persuni li jindukraw b'mod informali.

Xi Stati Membri nnutaw li s-sehem akbar ta' nisa li jaħdmu part-time xi drabi diġà jibda qabel ma tiġi ffurmata l-familja, u ma jinbidilx maż-żmien. Fir-rigward tad-differenzi bejn il-ġeneri fil-pagi u l-pensjonijiet, approċċi differenti biex tissaħħaħ it-trasparenza fis-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' strumenti diġitali u analitiċi, jistgħu jappoġġaw l-indirizzar ta' dawk id-differenzi.

L-Istati Membri investew f'ECEC, bil-ħsieb li jtejbu kemm id-disponibbiltà kif ukoll il-kwalità tas-servizzi. Ir-rilevanza tal-oġettivi ta' Barcellona ġiet imfakkra wkoll matul id-diskussjoni.

Ir-rwol tas-servizzi, b'mod partikolari l-ECEC, flimkien ma' benefiċċji mfasla tajjeb, ġie enfasizzat fid-diskussjoni dwar il-politiki tal-familja li jappoġġaw il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Il-koordinazzjoni bejn il-livelli differenti tal-gvern tista' tkun rilevanti biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tas-servizzi. Il-benefiċċji tal-assistenza soċjali jeħtieġ li jkunu marbuta ma' politiki ta' attivazzjoni, li f'xi każijiet isejjaħ għal aktar sforzi mill-Istati Membri biex itejbu l-koordinazzjoni bejn l-istrutturi differenti tal-gvern involuti. B'mod aktar ġenerali, biex il-politiki jkunu effettivi, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati differenti huma importanti.

Xi Stati Membri rirformaw il-liv u l-benefiċċji tal-ġenituri, kif ukoll estendew il-benefiċċji tal-paternità biex itejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Ġew enfasizzati wkoll ir-rilevanza tal-ALMPs kif ukoll il-miżuri ta' sensibilizzazzjoni permezz ta' servizzi mmirati għal dawk l-aktar vulnerabbli.

Id-diskussjoni wriet li l-espansjoni tas-servizzi formali tal-LTC tista' tkun strument effettiv biex tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Il-miżuri ta' politika rilevanti jinkludu, fost l-oħrajn, l-iżvilupp ta' servizzi bbażati fuq il-kura fid-djar u fil-komunità (eż. ċentri ta' kura matul il-ġurnata).

Xi Stati Membri jagħmlu użu wiesa' mir-riżorsi tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) biex jappoġġaw l-investimenti fl-ECEC u l-LTC, u f'it minnhom qed jipplanaw li jużaw ir-riżorsi RRF. F'dan ir-rigward, għet enfasizzata l-importanza tas-sostenibbiltà ta' investimenti b'hal dawn.

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki ġew enfasizzati b'hal elementi importanti għal politiki effettivi.

### **Riformi fl-oqsma tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, il-pagi, it-tassazzjoni fuq ix-xogħol u x-xogħol mhux iddikjarat**

L-oqsma ta' politika tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, il-pagi, it-tassazzjoni fuq ix-xogħol u x-xogħol mhux iddikjarat jibqgħu ta' rilevanza strutturali, anke fil-kuntest attwali kkaratterizzat minn bidliet sinifikanti fix-xejriet tal-impjiegi minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Fi Frar 2021, l-EMCO wettaq rieżamijiet f'dawn l-oqsma ta' politika f'dis'a Stati Membri, primarjament dwar elementi rilevanti tas-CSRs tal-2019.

Il-pandemija tal-COVID-19 żvelat vulnerabbiltajiet preeżistenti fis-swieq tax-xogħol, bil-qerda tal-impjiegi li rriżultat mill-pandemija fil-biċċa l-kbira kkonċentrata f'setturi fejn huma prevalenti forom ta' impjiegi inqas siguri; dan jinkludi dawk li jaħdmu għal rashom, u jaffettwa b'mod sproporzjonat il-gruppi vulnerabbli u ż-żgħażaġh, anke minħabba r-rappreżentanza żejda tagħhom fost il-ħaddiema f'forom ta' impjiegi mhux standard. L-isfidi strutturali għalhekk ġew esposti ulterjorment matul il-kriżi. Huwa probabbli li dawn jistgħu jingħelbu permezz ta' politiki li jindirizzaw il-lakuni strutturali, jappoġġaw tkabbir aktar inklużiv u sostenibbli u jindirizzaw l-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Qabel il-kriżi tal-COVID-19, twettqu għadd ta' riformi biex tiġi indirizzata s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, bil-pandemija f'xi każijiet tnaqqas il-pass tal-implimentazzjoni jew l-impatt tagħhom. L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u l-appoġġ għal dawk li jaħdmu għal rashom għadhom jintużaw ħafna fil-kuntest attwali, b'adozzjoni konsiderevoli ta' dawn il-miżuri ta' emerġenza. L-ALMPs ġew imsaħħa u aġġustati wkoll għall-impatt tal-pandemija, u inkludew inċentivi għar-reklutaġġ. Ġie enfasizzat li tfassil xieraq u sensibilizzazzjoni suffiċjenti fost min iħaddem huma kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' dawn it-tipi ta' miżuri. Huwa meħtieġ approċċ ibbilanċjat biex jitqiesu kemm l-aspetti tal-ħolqien tal-impjiegi/tal-qerda tal-impjiegi kif ukoll il-ħtieġa għal aktar sforzi lejn it-tnaqqis tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Iż-żamma tal-impjiegi u l-appoġġ għall-ħolqien tal-impjiegi għandhom jiġu kkunsidrati flimkien mal-kwalità tal-impjiegi u l-ħtiġijiet ta' riallokazzjoni.

F'ċerti każijiet, hemm ir-riskju li l-miżuri kontra l-kriżi jistgħu jiddevjaw l-enfasi lil hinn mill-ostakli strutturali fit-tul għal tipi ta' impjieg aktar permanenti. F'ħafna Stati Membri, l-azzjoni tal-ispettorati tax-xogħol, kif ukoll il-miżuri biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom, huma fatturi ewlenin fit-tnaqqis tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Għal dan il-għan, inċentivi bħal sussidji għar-reklutaġġ kif ukoll diżinċentivi fil-forma ta' multi jistgħu jiġu kkombinati b'mod effettiv. Filwaqt li huwa importanti li jiġi analizzat u evalwat l-impatt tal-miżuri meħuda biex titnaqqas is-segmentazzjoni, ġie rikonoxxut li dan jista' jkun diffiċli minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa, b'mod partikolari fid-dawl tar-restrizzjonijiet u l-enfasi fuq il-miżuri meħuda biex jinżamm l-impjieg.

Fir-rigward tad-differenzi bejn il-ġeneri fil-pagi, huwa importanti li jiġu analizzati l-kawżi sottostanti u li jittieħdu azzjonijiet olistiċi, inkluż billi tiġi adattata s-sistema tal-benefiċċji, kif muri f'wieħed mill-każijiet rieżaminati.

L-għodod tal-ICT jistgħu jkunu ta' għajjnuna kemm fl-indirizzar tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol kif ukoll fis-sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi negattivi tagħha, kif ukoll fl-indirizzar tad-differenzi bejn il-ġeneri fil-pagi. Diversi Stati Membri rrappurtaw li l-miżuri f'dan il-qasam ser jiġu inklużi fl-RRPs nazzjonali, filwaqt li d-diskussjonijiet għadhom għaddejjin fi ftit Stati Membri.

Rigward it-tassazzjoni fuq ix-xogħol, sar progress fit-tnaqqis ulterjuri tal-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol, speċjalment għal dħul baxx u medju, prinċipalment permezz ta' miżuri ta' eżenzjoni mit-taxxa u tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet soċjali. Xi wħud mill-miżuri implimentati reċentement fl-Istati

Membri tfasslu biex jappoġġaw lin-negozji biex ilaħħqu mal-kriżi tal-COVID-19 u jistgħu jkunu temporanji iżda ttieħdu wkoll miżuri permanenti.

Ġie espress tħassib dwar jekk dawn il-bidliet fit-taxxa humiex fiskalment newtrali fit-terminu medju, peress li ftit li xejn sar progress biex il-piż jiġi trasferit lejn bażijiet għat-taxxa li huma aktar ta' appoġġ għat-ktabbir inklużiv u sostenibbli. Għad hemm lok għal tali spostament tal-piż tat-taxxa, li huwa rilevanti fil-kuntest attwali, peress li jista' jikkontribwixxi għal irkupru inklużiv u jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika. Għad hemm kwistjonijiet oħra relatati mas-sistema fiskali, b'mod partikolari lakuni jew ineffiċjenzi speċifiċi, kif ukoll diżinċentivi għax-xogħol għal ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul f'koppja. Dan il-punt tal-aħħar huwa wkoll kwistjoni ta' disparità bejn il-ġeneri, peress li l-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul huma fil-biċċa l-kbira nisa.

Fir-rigward tax-xogħol mhux iddikjarat, ġew enfasizzati r-rilevanza ta' strateġiji multidimensjonali u r-rwol kruċjali tal-ispettorati tax-xogħol u l-kollaborazzjoni fost awtoritajiet differenti. Issemmiet ukoll il-ħtieġa li jiġu adottati strateġiji komprensivi li jindirizzaw l-aspetti varji u multidimensjonali tax-xogħol mhux iddikjarat.

Xi Stati Membri beħsiebhom jinkludu miżuri f'dawn l-oqsma fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom, jew jużaw l-appoġġ finanzjarju minn REACT-EU u l-FSE+.

B'mod ġenerali, jeħtieġ li jitqiesu l-bidliet li għabet magħha l-kriżi tal-COVID-19. Ir-realtà l-ġdida li ħarġet mill-kriżi għamlet mod li xi għodod u kunċetti analitiċi jsiru obsoleti jew kienet teħtieġ approċċi analitiċi aktar komprensivi, peress li l-qasma bejn l-impjieg temporanju u dak permanenti m'għadhiex l-unika distinzjoni rilevanti. Iż-żieda ta' forom ġodda ta' xogħol, b'mod partikolari x-xogħol fuq pjattaforma diġitali, ġiet indikata bħala kwistjoni li ser teħtieġ aktar konsiderazzjoni fir-rigward tal-aspetti ta' segmentazzjoni.

Ir-rieżami ssottolinja wkoll ir-reazzjonijiet ta' politika rilevanti biex jiġu indirizzati l-isfidi fl-oqsma ta' politika rieżaminati, jiġifieri l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-ispettorati tax-xogħol biex jindirizzaw ix-xogħol mhux iddikjarat u s-segmentazzjoni tax-xogħol; l-importanza li tiġi rieżaminata l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi u l-lakuni regolatorji biex tiġi indirizzata s-segmentazzjoni; il-ħtieġa għal strateġija istituzzjonali olistika li tinkludi riformi fis-sistema fiskali, politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, investimenti fi strutturi ta' indukrar bikri tat-tfal, pagi ugwali u politiki oħra li jappoġġaw opportunitajiet indaqs biex jitnaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri.

## **Djalogu soċjali – rieżami rikorrenti**

F'Diċembru 2020, l-EMCO kellu r-ieżami annwali tiegħu dwar id-djalogu soċjali flimkien mas-  
sħab soċjali Ewropej u nazzjonali. Bil-għan li jiġi vvalutat il-progress lejn l-implimentazzjoni tar-  
Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) rilevanti tal-2020, ir-ieżami xeħet dawl ukoll  
fuq l-involvement tas-sħab soċjali fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 kif ukoll fuq it-tnejja tal-  
Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) u l-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs).

Fl-Istati Membri kkonċernati, hemm fis-seħħ oqfsa għad-djalogu soċjali, iżda huma meħtieġa aktar  
sforzi biex jiġi stabbilit involvement sinifikanti tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika u djalogu  
soċjali li jiffunzjona tajjeb. Għad hemm tħassib sinifikanti fir-rigward tal-aspetti prattiċi tal-  
konsultazzjoni tas-sħab soċjali f'termini ta' trasparenza, puntwalità u sinifikat, kif ukoll fir-rigward  
tal-impatt reali tagħha fuq it-tfassil tal-politika. Ġew irrappurtati xi żviluppi inkoraġġanti, b'mod  
partikolari dwar l-involvement intensifikat tas-sħab soċjali fit-tfassil ta' miżuri kontra l-kriżi u fir-  
rigward tal-paga minima. Xi Stati Membri jinvolvu lis-sħab soċjali fit-tfassil ta' miżuri speċifiċi fi  
stadju bikri.

Is-sħab soċjali jqisu li għad hemm bżonn ta' konsultazzjonijiet aktar regolari u f'waqthom biex jiġi  
żgurat li s-sħab soċjali jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod adegwat għall-iżviluppi tal-politika.  
Meta jikkonsultaw mas-sħab soċjali, il-gvernijiet jistgħu jipprovdu wkoll feedback b'mod  
sistematiku dwar kif il-proposti tagħhom ġew indirizzati.

It-tishiġ tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali b'perspettiva aktar fit-tul jibqa' objettiv importanti. F'dan  
ir-rigward, ġie enfasizzat ir-rwol speċifiku tal-Fond Soċjali Ewropew, kif ukoll il-ħtieġa għal  
evalwazzjoni regolari tal-effikaċja ta' tali investment, inkluż f'termini tal-kwalità tal-  
kontribuzzjonijiet magħmula mis-sħab soċjali.

## **Riformi fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet**

Bħal fis-snin preċedenti, f'Marzu 2021, flimkien mal-Kumitat tal-Edukazzjoni, l-EMCO rieżamina  
s-CSRs rilevanti fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet. Ir-ieżamijiet koprew 26 Stat  
Membru, u ġeneralment inkludew kemm is-CSRs tal-2020 kif ukoll elementi rilevanti tas-CSRs tal-  
2019. Għal tliet Stati Membri, ġew rieżaminati biss is-CSRs tal-2019 (jew ċerti partijiet minnhom).

Diġà kienu saru sforzi ta' riforma fl-edukazzjoni u l-ħiliet qabel il-pandemija u xi Stati Membri komplew b'dawn l-azzjonijiet matul il-pandemija. Sabiex ilaħħqu mal-kriżi, diversi Stati Membri żiedu l-baġits biex isaħħu l-investment fl-edukazzjoni u l-ħiliet, speċjalment fil-ħiliet diġitali bażiċi, l-infrastruttura u s-soluzzjonijiet online bħall-pjattaformi diġitali, li wrew li huma elementi kruċjali biex jinżamm il-funzjonament bla xkiel tat-tagħlim, it-taħriġ u x-xogħol matul il-perijodi ta' lockdown. Xi Stati Membri qed jesploraw ukoll approċċi innovattivi bħal vawċers diġitali u kontinġentijiet individwali tal-apprendiment bħala parti minn dan l-isforz.

Il-kriżi tal-COVID-19 aggravat l-isfidi preeżistenti relatati mal-edukazzjoni u l-ħiliet. Il-miżuri ta' lockdowns u ta' tbeġħid soċjali aċċentwaw kwistjonijiet relatati mad-distakk diġitali u l-aċċess inugwali għall-edukazzjoni u t-taħriġ. Fl-istess ħin, il-perkorsi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid huma meqjusa bħala elementi ewlenin li jappoġġaw l-irkupru, itejbu r-reżiljenza ekonomika u jrawmu tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Xi nuqqasijiet u spariġġ fil-ħiliet, b'mod partikolari fis-settur tal-ICT, ukoll marru għall-aġar minkejja ż-żieda fil-qgħad.

L-Istati Membri għandhom it-tendenza li jikkombinaw ir-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 ma' rispons aktar fit-tul għall-isfidi strutturali inkluż bil-għan li jappoġġaw tranżizzjonijiet effettivi fis-suq tax-xogħol lejn impjiegi ta' kwalità aħjar, filwaqt li jindirizzaw ukoll l-isfidi kkawżati mit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Saru sforzi sinifikanti ta' investment u riforma fil-livelli kollha tal-edukazzjoni – inklużi l-ECEC, l-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwu (VET), l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti. L-Istati Membri ħadu wkoll azzjonijiet biex jagħmlu s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ aktar rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Huma implimentaw jew ippjanaw riformi biex jindirizzaw kwistjonijiet relatati mad-disparitajiet fl-edukazzjoni u t-taħriġ u biex inaqqsu d-distakk diġitali.

Ħafna inizjattivi ta' politika jmorru fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, il-progress lejn l-implimentazzjoni kemm tas-CSR tal-2019 kif ukoll tal-2020 mhuwiex uniformi. Xi sfidi strutturali għadhom ta' tħassib kbir f'għadd ta' Stati Membri u jeħtieġu azzjoni ulterjuri, speċjalment fir-rigward ta': it-tluq bikri mill-iskola; l-eżiti tal-edukazzjoni fl-edukazzjoni ġenerali u l-VET (inkluż fir-rigward tar-rati ta' progress insuffiċjenti u r-riżultati tal-PISA); il-parteċipazzjoni baxxa fit-tagħlim għall-adulti; in-nuqqas ta' kwalifiki tal-forza tax-xogħol; l-inugwaljanzi soċjali u territorjali fl-aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ, il-ħiliet diġitali u l-infrastruttura. Is-sitwazzjoni diffiċli ta' gruppi vulnerabbli u żvantaġġati f'dan ir-rigward ġiet enfasizzata matul ir-rieżami, kif ukoll l-isfidi li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità fis-settur tal-edukazzjoni u fl-aċċess għas-suq tax-xogħol. Il-kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati, kemm fis-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll fis-suq tax-xogħol u fis-setturi tal-politika soċjali, hija meħtieġa biex jinkisbu riżultati ta' riforma aktar effettivi u komprensivi. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma wkoll komponenti importanti tal-isforzi ta' riforma.

Minbarra l-finanzjament nazzjonali, diversi Stati Membri diġà qed jużaw b'mod estensiv jew qed jippjanaw li jużaw il-fondi disponibbli tal-UE bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, sabiex iwettqu r-riformi meħtieġa. F'dan ir-rigward, ikun importanti li tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn sorsi differenti ta' finanzjament.

Diversi Stati Membri fakkru fl-oġettivi u l-prijoritajiet tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030).

Fil-kuntest tal-RRPs nazzjonali u l-ippogrammar tar-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni għall-2021-27, l-EMCO appella wkoll għal involviment attiv u regolari tas-sħab soċjali fit-tnejn u l-implimentazzjoni tar-riformi rilevanti tal-politika tal-impjegi u tal-miżuri ta' investiment.

## **Integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol – rieżami rikorrenti**

Ir-rieżami tar-**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda (LTU) fis-suq tax-xogħol** sar f'Novembru 2020. Fid-dawl tad-diskussjoni tar-reazzjonijiet ta' politika integrata fil-kuntest tal-COVID-19, dan it-tielet rieżami biannwali twettaq b' mod konġunt mill-EMCO u l-KPS. Ir-rieżami tal-2020 esplora l-impatt tal-pandemija fuq il-persuni li ilhom qiegħda, u r-rispons mogħti mis-servizzi tal-impjiegi u dawk soċjali għall-forniment ta' servizzi integrati. Dan ir-rieżami ivvaluta kif l-Istati Membri kienu qed jindirizzaw l-isfidi li l-persuni qiegħda fit-tul iffaċċjaw matul l-istadji inizjali tal-kriżi ekonomika u l-miżuri stabbiliti biex jipprevjenu żidiet fil-qgħad fit-tul kif ukoll rotot possibbli għall-irkupru<sup>3</sup>.

Fir-rigward tas-**servizzi tal-impjiegi**, il-konsulenza individwalizzata jew it-tfassil ta' profili, kif ukoll l-aċċess għas-servizzi u d-disponibbiltà tagħhom kienu l-aktar affettwati b' mod negattiv mill-kriżi tal-COVID-19. Ir-reġistrazzjoni u l-forniment ta' servizz integrat ġew l-inqas affettwati. Minħabba kunsiderazzjonijiet ta' saħħa u sikurezza, ħafna Stati Membri għamlu sforzi biex iċaqilqu s-servizzi online. Madankollu, ir-riżultati kienu mħallta, b'fattur wieħed ikun l-aċċess inugwali għas-servizzi online fost il-persuni li ilhom qiegħda u dawk inattivi, b' mod partikolari dawk b' inqas hiliel fl-ICT.

Fir-rigward tas-**servizzi soċjali**, ir-rieżami wera li l-pandemija kellha impatt negattiv fuq l-għoti ta' servizzi, b' mod partikolari dawk li jeħtieġu kuntatt personali. Filwaqt li l-appoġġ lill-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli nżamm sa ċertu punt, dan l-appoġġ iffoka prinċipalment fuq l-aċċess u l-kontinwità tal-għoti tal-benefiċċji tal-assistenza soċjali. Ir-riċevituri tal-introjtu minimu ssemme minn xi Stati Membri bħala wieħed mill-gruppi prijoritarji fil-mira. Jidher li r-reġistrazzjoni u l-integrazzjoni tas-servizzi huma l-inqas li kellhom impatt fuqhom. Xi Stati Membri għamlu sforzi addizzjonali biex itejbu l-aċċess għall-benefiċċji.

---

<sup>3</sup> Il-messaġġi ewlenin intbagħtu b' mod separat lill-EPSCO (Jannar 2021), ara 5623/21.

L-inċertezza fir-rigward tal-implikazzjonijiet fit-tul tal-kriżi li għaddejja bħalissa fuq l-appoġġ għal persuni li ilhom qiegħda għet kondiviża wkoll b'mod wiesa' minħabba l-enfasi attwali fuq ir-rispons prinċipalment għall-effetti immedjati tal-kriżi fuq it-telf tal-impjegi u l-preservazzjoni tal-impjegi. F'dan l-istadju, l-isforzi għall-implimentazzjoni tal-politika fuq perijodu medju sa twil ser ikollhom jiffukaw fuq it-tlestija tal-programmi u l-miżuri li ġew interrotti jew posposti minħabba l-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll fuq it-taħlita mmirata ta' servizzi għall-persuni li ilhom qiegħda u t-twettiq integrat tagħhom.

### **Riformi fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali**

Il-kriżi tal-COVID-19 fakkret bil-qawwa l-importanza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali biex jittaffew l-effetti ekonomiċi u soċjali ta' attività ekonomika mnaqqsa u biex tkun tista' ssir l-inklużjoni soċjali tal-persuni vulnerabbli. Filwaqt li s-sistemi ta' protezzjoni soċjali qdew bis-sħiħ ir-rwol tagħhom ta' stabbilizzaturi awtomatiċi, li jiproteġu l-għajxien ta' ħafna, il-kriżi enfasizzat ukoll lakuni strutturali fl-adeqwatezza u l-kopertura tal-miżuri tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali. Il-miżuri ta' emerġenza użati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali għenu biex tiġi evitata kriżi soċjali massiva madwar l-Ewropa.

Fl-2020, fil-qafas tas-Semestru Ewropew, 21 Stat Membru rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż relatata mal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali. Filwaqt li ħafna mir-rakkomandazzjonijiet inħarġu b'rabta mal-kriżi tal-COVID-19, il-biċċa l-kbira tas-CSRs irriflettw ukoll l-isfidi strutturali preżistenti, li diġà ġew enfasizzati fiċ-ċikli tas-semestru preċedenti iżda b'mod partikolari permezz tas-CSRs tal-2019. Ir-rakkomandazzjonijiet indirizzaw l-isfidi fl-oqsma tal-iżgurar ta' aċċess għall-protezzjoni soċjali għal kulħadd (per eżempju BG, CY, IT, NL, PT, RO, SI, SK); l-adeqwatezza u l-kopertura tal-benefiċċji ta' appoġġ għall-introjtu, flimkien mal-aċċess għal servizzi soċjali u essenzjali (BG, EE, ES, HR, HU, LT, LV, PL, PT, RO, SK), inkluż b'enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjegi u s-servizzi soċjali (EE, ES, HU, SK); il-forniment ta' akkomodazzjoni (IE) u ECEC affordabbli u ta' kwalità, inkluż fil-kuntest tal-appoġġ għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol (AT, CZ, IT, PL). L-isfidi ta' interess komuni ġew rieżaminati b'mod konġunt mill-EMCO u l-KPS.

Hekk kif żviluppat il-pandemija, l-Istati Membri kollha rieżaminati ħadu miżuri ta' emerġenza, spiss flimkien ma' riformi li kienu għaddejjin, biex isaħħu kif ukoll biex iżommu l-operat "normali" tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom. Tali miżuri inkludew it-tħaffif tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà; l-introduzzjoni temporanja ta' benefiċċji ġodda; żieda fl-iskemi ta' appoġġ eżistenti; kif ukoll it-twaqqif ta' miżuri ta' emerġenza biex jipprovdu introjtu ta' sostituzzjoni adegwat lill-ħaddiema.

Fl-istess ħin, il-kriżi kixfet lakuni ta' aċċess u ta' kopertura preeżistenti fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali f'għadd ta' Stati Membri. Ir-rieżamijiet tal-KPS ikkonfermaw li mhux il-gruppi kollha tal-popolazzjoni ġew protetti b'mod effettiv u li għad hemm diffikultajiet iffaċċjati minn diversi gruppi (b'mod partikolari dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema mhux standard), li għandhom it-tendenza li jesperjenzaw inċertezza ekonomika akbar b'aċċess aktar limitat għall-protezzjoni soċjali. Miżuri temporanji ta' emerġenza, bħal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar li fihom ġew investiti riżorsi finanzjarji sostanzjali, ma kinux ta' benefiċċju għall-kategoriji kollha ta' ħaddiema bl-istess mod. B'mod aktar kruċjali, ir-rieżamijiet urew li l-miżuri temporanji ma jistgħux jissostitwixxu l-ħtieġa li tiġi estiża l-protezzjoni soċjali għal dawk li mhumiex koperti fuq bażi aktar permanenti. Ser ikunu meħtieġa aktar sforzi biex jiġu indirizzati, b'mod strutturali, il-kopertura, l-adeqwatezza u t-trasferibbiltà tad-drittijiet tal-protezzjoni soċjali, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali.

Il-kriżi kixfet ukoll lakuni eżistenti fit-twassil tal-**benefiċċji tal-assistenza soċjali**. Ħafna Stati Membri introduċew miżuri temporanji sabiex jappoġġaw l-introjtu tal-unitajiet domestiċi f'sitwazzjonijiet fraġli. Il-miżuri kienu jikkonsistu f'rilassament tal-kriterji ta' eliġibbiltà; it-tħaffif tal-proċeduri amministrattivi; it-titjib tal-livelli tal-benefiċċji; l-ġhoti ta' benefiċċji *in natura* addizzjonali jew it-titjib tas-servizzi. Ir-risponsi tal-Istati Membri b'rabta mal-kriżi enfasizzaw l-importanza ta' protezzjoni adegwata tal-introjtu. Il-ħtieġa għal aktar riformi strutturali fil-qasam ġiet ikkonfermata mir-rieżamijiet multilaterali. Protezzjoni aktar b'saħħitha tal-introjtu minimu tista' tappoġġa l-irkupru u, billi taġixxi bħala stabbilizzatur awtomatiku effettiv, tagħmel l-ekonomiji u s-soċjetajiet aktar reżiljenti għal kriżijiet futuri. Meta jħarsu 'l quddiem, l-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-effettività ta' ġhoti ta' appoġġ għall-introjtu adegwat, marbut sew mal-aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità għolja u swieq tax-xogħol inklużivi, f'konformità mal-approċċ ta' inklużjoni attiva.

Il-forniment ta' **servizzi soċjali** tpoġġa taħt pressjoni enormi wara l-pandemija tal-COVID-19, hekk kif il-miżuri ta' lockdown, in-nuqqas ta' persunal, il-problemi ta' komunikazzjoni u d-diffikultajiet fil-koordinazzjoni mal-partijiet ikkonċernati affettwaw b'mod qawwi l-għoti tas-servizzi. L-użu ta' għodod online u ICTs oħra għen biex jiġi żgurat il-forniment kontinwu ta' servizzi. Fl-istess ħin, fatturi bħall-istatus soċjoekonomiku, l-età tar-riċevituri, l-inugwaljanzi territorjali u n-nuqqas ta' infrastruttura kienu ta' sfida għall-għoti ta' servizzi lil dawk l-aktar vulnerabbli. Filwaqt li r-rieżamijiet tal-KPS irrikonoxxew il-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda fl-iżvilupp ta' servizzi soċjali fis-soċjetajiet tal-lum li qed jiddiġitalizzaw b'mod rapidu, jeħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawk l-aktar vulnerabbli u d-dipendenza akbar tagħhom fuq il-kuntatt personali għas-servizzi. Jeħtieġ li jitkomplew l-isforzi biex jiżdiedu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni effettivi fost il-fornituri tas-servizzi, sabiex jiġi żgurat li n-nies ikollhom punt uniku ta' kuntatt li permezz tiegħu jkollhom aċċess għall-appoġġ rilevanti. Għal dak il-għan, il-kapaċità tal-fornituri rilevanti — u l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tagħhom jistgħu jissaħħu aktar.

L-għeluq parzjali jew sħiħ ta' skejjel u faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal matul il-pandemija seta' aggrava l-inugwaljanzi eżistenti fil-bidu tal-**edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC)**.

B'rispons għall-kriżi tal-COVID-19 u l-għeluq tal-iskejjel u tal-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal, ħafna Stati Membri introduċew azzjonijiet ta' emerġenza biex jappoġġaw **lill-ġenituri u lill-persuni li jindukraw**, bħal benefiċċji finanzjarji addizzjonali u temporanji u l-forniment kontinwu tal-indukrar tat-tfal għall-ħaddiema essenzjali. Il-miżuri strutturali meħuda mill-Istati Membri biex iwessgħu l-parteċipazzjoni u jtejbu l-kwalità tal-ECEC jinkludu t-tnaqqis tal-età obbligatorja tal-preprimarja, jew l-iżgurar ta' aċċess universali mingħajr ħlas għall-edukazzjoni preprimarja, il-konstruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-kindergartens, kif ukoll iż-żieda fl-appoġġ għall-miżati għat-tagħlim għall-attendenza tal-iskola preprimarja. Ser jibqgħu meħtieġa sforzi mmirati biex jappoġġaw lit-tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali.

Il-kriżi li għaddejja bħalissa wriet li għandha **dimensjoni tal-ġeneru b'saħħitha**. Bl-għeluq tal-iskejjel matul il-pandemija, il-piż tal-kura (bla ħlas) żdied kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, iżda n-nisa kienu affettwati b'mod aktar qawwi. In-nuqqas ta' (jew tnaqqis fi) provvista ta' ECEC naqqas l-appoġġ għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xoġhol tal-ġenituri (speċjalment in-nisa), li jibqgħu wieħed mill-aktar modi effiċjenti biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-faqar fost it-tfal.

In-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli, **il-problema ta' persuni mingħajr dar u l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni** qed isiru dejjem aktar problema fl-UE. Il-pandemija kkawżat żieda ulterjuri fir-rati tal-problema ta' persuni mingħajr dar, peress li l-kriżi għamlitha aktar diffiċli għal ħafna unitajiet domestiċi biex iħallsu għal akkomodazzjoni adegwata, filwaqt li fixxlet il-bini ta' djar ġodda. Is-sidien b'introjtu baxx u l-kerrejja privati kienu affettwati b'mod partikolari, iżda anke l-persuni b'introjtu medju ġew mgħobbija b'żieda fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tal-manutenzjoni.

Il-miżuri għall-protezzjoni tal-kerrejja u tad-detenturi tal-ipoteki kienu jinkludu l-offerta ta' ħelsien għal pagamenti ta' spejjeż relatati mad-djar, l-ipoteki u spejjeż oħra, sospensjoni ta' żgumbramenti għat-tul tal-kriżi, u self ġdid mingħajr imgħax jew b'imgħax baxx lill-individwi. Xi Stati Membri żiedu wkoll is-servizzi ta' appoġġ u kura tagħhom għall-persuni mingħajr dar billi espandew ix-xelters, ikkonvertew ix-xelters ta' billejl f'xelters ta' matul il-jum, u qassmu pakketti ta' għajnuna (ikel u prodotti tal-iġjene). Il-pjanijiet ta' tilqim tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li jintlaħqu adegwatament il-persuni f'xelters u dawk li jinsabu mingħajr dar u mingħajr kenn. Biex jindirizzaw l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni u l-problema ta' persuni mingħajr dar, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lil approċċi integrati li jikkombinaw il-prevenzjoni, l-aċċess rapidu għal akkomodazzjoni permanenti u l-provvista ta' servizzi ta' appoġġ abilitanti. Il-bini ta' akkomodazzjoni soċjali ġdida jeħtieġ li jiġi aċċellerat ukoll.

### **Riformi fil-qasam tal-pensjonijiet**

Il-pensjonijiet, minħabba l-piż baġitarju għoli tagħhom u l-importanza soċjali dejjem akbar fil-kuntest tas-soċjetajiet li qed jixjieħu tal-Ewropa u s-swieq tax-xogħol li qed jinbidlu, ilhom qasam ta' prijorità mill-bidu nett tas-Semestru Ewropew. F'dawn l-aħħar snin, madwar tliet kwarti tal-Istati Membri kienu qed jirċievu rakkomandazzjoni relatata mal-funzjonament tas-sistema tal-pensjonijiet tagħhom. Fl-2020, iċ-ċirkostanzi speċjali u n-natura straordinarja tal-kriżi tal-COVID-19 wasslu biex ma nħarġet l-ebda CSR dwar il-pensjonijiet mill-Kunsill, minkejja li l-kwistjonijiet tal-pensjonijiet ġew identifikati fil-premessi tar-Rakkomandazzjonijiet. Bi tweġiba, l-KPS adatta l-approċċ ta' rieżami tiegħu u r-rieżamijiet tas-soltu speċifiċi għall-pajjiż f'dan il-qasam ta' politika saru permezz ta' diskussjoni tematika.

Matul id-diskussjoni, deher çar li l-pensjonijiet pubbliċi komplew jiggarantixxu lill-biċċa l-kbira tal-persuni rtirati sors stabbli ta' dħul fl-Istati Membri kollha. F'dan ir-rigward, filwaqt li wieħed jista' jistenna li l-kriżi tal-COVID-19, bl-impatt sinifikanti tagħha fuq is-swieq tax-xogħol u dawk finanzjarji, ser ikollha impatt ukoll fuq l-introjtu għall-anzjani u ser tpoġġi aktar pressjoni fuq il-finanzjament tas-sistemi tal-pensjonijiet, l-effetti tal-pandemija għadhom mhumiex kompletament viżibbli.

Minkejja l-impatt relattivament limitat tal-pandemija fuq is-sistemi tal-pensjonijiet fuq medda qasira ta' żmien, hemm għadd ta' sfidi aktar fit-tul, relatati maż-żamma tal-adegwatezza u l-finanzjament sostenibbli tal-pensjonijiet fil-kuntest ta' soċjetà li qed tixjieħ, u ekonomija u suq tax-xogħol li qed jinbidlu. Minħabba l-kumplessità tal-isfidi, l-Istati Membri ilhom jimplimentaw riformi fil-kuntest taċ-ċikli pluriennali.

L-aktar approċċ komuni fir-riformi tal-passat iffoka fuq iż-żieda tal-etajiet ta' irtirar effettivi. Matul dawn l-aħħar snin, l-Istati Membri żiedu l-etajiet tal-pensjoni statutorja, irrestrinġew l-aċċess għall-irtirar bikri, irrevedew ir-rekwiżiti tal-kontribut u saħħew l-inċentivi jew id-diżinċentivi biex jinkoraġġixxu rtirar aktar tard. Perkorsi tal-irtirar flessibbli, immirati biex jiffaċilitaw ħajjiet tax-xogħol itwal u jiskoraġġixxu l-irtirar bikri, saru dejjem aktar mifruxa. Ħafna mir-riformi inkludew l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' aġġustament awtomatiku, li jorbtu direttament il-parametri ewlenin tal-pensjonijiet bħall-età tal-pensjoni jew il-benefiċċji mal-bidla demografika.

Riformi reċenti jindikaw ukoll xejra lejn l-eliminazzjoni gradwali tal-pensjonijiet speċjali li jagħtu trattament preferenzjali lil ċerti gruppi tal-popolazzjoni. Xi riformi tejbu l-aċċess għas-sistemi tal-pensjonijiet għal persuni f'tipi ta' xogħol ħlief impjeg permanenti full-time, iżda għad hemm diskrepanzi sinifikanti. Xi riformi ndirizzaw ukoll ir-rwol tal-pensjonijiet supplimentari jew privati fil-provvediment tal-introjtu fix-xjuħija.

Id-diskussjoni tematika tal-KPS turi li, minkejja l-miżuri meħuda, ser ikunu meħtieġa sforzi addizzjonali biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' adegwatezza u sostenibbiltà li jiffaċċjaw is-sistemi tal-pensjonijiet madwar l-UE. L-Istati Membri għandhom ikomplu jieħdu azzjoni biex itawlu l-ħajja tax-xogħol. Sforzi biex jiġu aġġustati l-età tal-pensjoni jew ir-rekwiżiti tal-karriera; il-benefiċċji jew ir-rati ta' akkumulazzjoni biex jirriflettu ż-żieda fl-istennija tal-għomor għandhom jiġu kkumplementati b'għażliet ta' xogħol flessibbli, inkluż il-possibbiltà li l-pensjonijiet jiġu kkombinati mal-introjtu mix-xogħol. Is-sensibilizzazzjoni u li wieħed jagħmel is-sistemi tal-pensjonijiet aktar attraenti għan-nies aktar kmieni fil-karriera tagħhom jistgħu jaffettwaw l-imġiba tal-ħaddiema. F'dak is-sens, il-promozzjoni ta' ħajja tax-xogħol itwal għandha tibda aktar kmieni fil-karriera u mhux biss meta l-individwu jkun qed joqrob l-età tal-pensjoni. L-inċentivi fiskali għall-irtirar differit jew għall-investment f'pensjonijiet supplimentari ser ikomplu jkollhom rwol, għalkemm l-effett distributtiv tagħhom jeħtieġ li jiġi kkunsidrat bir-reqqa.

Fl-istess ħin, l-iżgurar ta' ħajja tax-xogħol itwal hija kwistjoni trasversali li jeħtieġ li tiġi promossa permezz ta' azzjonijiet f'diversi oqsma ta' politika. Prerekwiżit essenzjali għal dan huwa li s-swieq tax-xogħol jippermettu l-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol – dan jinkludi għażliet ta' taġġim tul il-ħajja u l-iżgurar ta' ambjent tax-xogħol flessibbli, tajjeb għas-saħħa u sikur, adattat għall-ħtiġijiet ta' ħaddiema akbar fl-età. L-aċċess għal servizzi tas-saħħa u soċjali ta' kwalità għolja huwa meħtieġ biex jiġi ffaċilitat il-fatt li l-ħaddiema akbar fl-età jibqgħu jaħdmu. Il-kooperazzjoni transpolitika msaħħa u l-involviment tas-ISħab Soċjali u l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili jibqgħu fatturi importanti għall-iżvilupp ta' strateġiji għal ħajja tax-xogħol itwal.

Ir-rieżamijiet tal-KPS urew ukoll li l-ħaddiema f'impjeg mhux standard u dawk li jaħdmu għal rashom għandhom mhux protetti biżżejjed, u dan dgħajjef kemm l-adeqwatezza kif ukoll il-bażi ta' kontribuzzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet. Dawn il-gruppi, kif ukoll dawk b'introjtu aktar baxx b'mod ġenerali, ukoll għandhom inqas aċċess għal skemi ta' pensjonijiet supplimentari. Għalhekk huma meħtieġa sforzi sostnuti biex jiġu żgurati kopertura u opportunitajiet adegwati biex jiġu akkumulati d-drittijiet tal-pensjoni għal tali ħaddiema - b'segwitu għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali<sup>4</sup> - u biex is-sistemi tal-pensjonijiet jiġu adattati għan-natura tax-xogħol li qed tinbidel biex il-ħaddiema kollha jiġu protetti aħjar.

---

<sup>4</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.

Ir-riformi tal-passat, bħala medja, għenu biex jistabbilizzaw in-nefqa tal-pensjonijiet fit-tul, iżda dan spiss kien għad-detriment tal-adegwatezza futura tal-pensjonijiet. Għaldaqstant, l-isfida li jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti biex jiġu pprovduti benefiċċji u kopertura adegwati tal-pensjonijiet għadha b'saħħitha. Id-diskussjonijiet urew li hemm bidla kontinwa mill-finanzjament permezz tal-kontribuzzjoni għal finanzjament aktar ibbażat fuq it-taxxa f'għadd ta' Stati Membri. Minħabba ċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti, il-kisba tal-oġettivi soċjali tas-sistemi tal-pensjonijiet filwaqt li fl-istess ħin tinżamm is-sostenibbiltà tista' teħtieġ approċċi ta' finanzjament differenti fl-Istati Membri.

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-KPS jappella għal dibattitu wiesa' u miftuħ dwar kif is-sistemi tal-pensjonijiet, u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali b'mod aktar ġenerali, jistgħu jappoġġaw benefiċċji adegwati fl-isfond tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u swieq tax-xogħol li qed jinbidlu. Analiżi aktar dettaljata tal-isfidi komuni ewlenin hija disponibbli fir-Rapport konġunt dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2021, imħejji mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea.

### **Riformi fil-qasam tal-kura tas-saħħa**

Il-pandemija tal-COVID-19 poġġiet is-sistemi tas-saħħa nazzjonali taħt pressjoni bla preċedent, li kixfet dgħufijiet strutturali eżistenti u enfasizzat il-ħtieġa li tittejjeb it-tħejjija tagħhom biex jirrispondu aħjar għall-avvenimenti ta' kriżi fl-Istati Membri kollha. Għaldaqstant, iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2020 poġġa enfasi qawwija fuq ir-riformi fil-qasam tal-kura tas-saħħa, bl-Istati Membri kollha jirċievu CSR biex jindirizzaw ir-reżiljenza tas-sistemi tagħhom.

Barra minn hekk, skont l-Istat Membru, sar fokus ukoll fuq: in-nuqqas ta' ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol (BG, HR, CY, CZ, DK, EE, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, RO, SK, SI, ES, SE); id-disponibbiltà ta' prodotti u infrastruttura mediċi kritiċi (BE, DK, EE, ES, FR, HU, IT, LV, LT, MT, RO, SK, SI, ES, SE); l-aċċessibbiltà, il-kwalità u d-disponibbiltà tal-kura (BG, CY, EL, HR, EE, FI, LT, LV PT, RO); l-infrastruttura tas-saħħa għas-servizzi elettroniċi tas-saħħa, kif ukoll l-introduzzjoni tagħhom (HR, CZ, FR, DE, ES, LU, LV, NL, PL); it-trasferiment tal-kura mill-isptarijiet għal kura barra mill-isptarijiet (outpatient) (AT, CZ, EE, HU, IE, MT, SK); il-koordinazzjoni, il-governanza u l-integrazzjoni ġenerali tal-kura (HR, CZ, FI, IT, LU, SK); u l-kapaċità finanzjarja tas-sistema tas-saħħa (BG, LV, PL).

Ir-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-KPS u d-diskussjoni tematika ddedikata kkonfermaw li, b'konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri kollha ħadu miżuri ta' emerġenza biex jappoġġaw il-funzjonament tas-sistemi tas-saħħa tagħhom. Il-**finanzjament għas-saħħa żdied b'mod sinifikanti** bl-allokkazzjoni mill-ġdid ta' fondi minn partijiet oħra tal-baġit nazzjonali, kif ukoll minn diversi strumenti tal-UE. Il-finanzjament addizzjonali ntuża biex jespandi l-kapaċità tal-kura intensiva, u jiżgura d-disponibbiltà ta' provvisti mediċi kritiċi u persunal tas-saħħa. Għadd ta' Stati Membri għamlu wkoll dispożizzjonijiet biex jikkumpensaw lill-isptarijiet, lill-fornituri tal-kura tas-saħħa u lill-istituzzjonijiet għat-telf finanzjarju minħabba bidliet relatati mal-COVID-19 fid-domanda u l-provvista ta' kura medika, bħal pereżempju, sodod tal-isptarijiet li baqgħu mhux okkupati minħabba kura ppjanata posposta b'riżultat tal-kriżi.

Il-kriżi wriet ukoll li għadd ta' Stati Membri qed jiffaċċjaw **nuqqasijiet strutturali ta' ħaddiema tas-saħħa li jeħtieġ li jiġu indirizzati**. L-Istati Membri kollha implimentaw miżuri straordinarji biex jappoġġaw il-provvista limitata ta' persunal tas-saħħa fil-bidu tal-pandemija. Il-persunal tal-isptar tal-ewwel linja rċieva kumpens addizzjonali u f'għadd ta' Stati Membri ġew stabbiliti servizzi ta' appoġġ għas-saħħa mentali. Ġew intensifikati l-opportunitajiet ta' taħriġ, biex jiġi ffaċilitat l-assenjament mill-ġdid tal-persunal, u ġew skjerati studenti fil-qasam mediku, voluntiera u persunal militari biex iwettqu ċerti kompiti mhux kliniċi.

Saru wkoll bidliet fir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-ħaddiema tas-saħħa fil-livelli individwali u organizzattivi. Fl-isptarijiet, il-persunal eżistenti ngħata inkarigu ġdid u ġie assenjat mill-ġdid biex jittratta t-tifqigħa. L-organizzazzjoni ta' mogħdijiet ta' twassil tal-kura li mhumiex relatati mal-COVID ġiet riveduta biex jiġu ottimizzati r-rwoli kliniċi. Ir-rwol tal-ispiżjara fil-komunità u tal-prattikanti ġenerali twessa', tal-inqas temporanjament, f'ħafna pajjiżi, biex titnaqqas il-ħtieġa għal konsultazzjonijiet mat-tobba għal pazjenti li mhumiex infettati bil-COVID 19. Bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-isfidi tal-forza tax-xogħol fit-tul, ħafna Stati Membri rappurtaw miżuri biex jiffinanzjaw il-ħolqien ta' impjiegi addizzjonali fil-qasam tal-kura tas-saħħa; biex itejbu l-attrattività tal-professjoni medika, u biex joffru taħriġ addizzjonali u opportunitajiet ta' speċjalizzazzjoni lill-persunal eżistenti. Fil-fażi post-pandemika l-aktar immedjata, jeħtieġ li jitqies bir-reqqa l-piż fuq il-professjonisti mediċi minħabba l-akkumulazzjoni ta' interventi mediċi ppjanati, posposti minħabba l-kriżi.

Il-kriżi enfasizzat l-**importanza ta' xbieki ta' sikurezza b'saħħithom** biex jipprovdu aċċess għall-kura tas-saħħa lil dawk l-aktar vulnerabbli, kif ukoll il-**ħtieġa strateġika għal koordinazzjoni effiċjenti bejn is-sistemi soċjali u dawk tal-kura tas-saħħa**. L-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jipprovdu appoġġ finanzjarju, kif ukoll biex jiżguraw aċċess kontinwu għall-kura tas-saħħa jidher li taffew – iżda ma eliminawx – l-impatt tal-pandemija fuq dawk l-aktar vulnerabbli, li ġarrbu l-piż tal-impatti tal-pandemija fuq is-saħħa sa issa. Barra minn hekk, il-fokus fuq il-pazjenti tal-COVID-19 u l-kura urġenti li kienu jeħtieġu fil-fażi inizjali tal-pandemija setgħu wasslu wkoll biex tingħata inqas attenzjoni lill-fatturi soċjali ewlenin responsabbli għal vulnerabbiltà akbar għal saħħa fqira – dan jinkludi fatturi bħas-solitudni, stili ta' ħajja u ambjenti fiżiċi mhux tajbin għas-saħħa, kif ukoll problemi soċjali oħra bħas-sitwazzjonijiet ta' akkomodazzjoni, id-dejn u l-istress.

Fil-perijodu ta' wara l-pandemija, l-Istati Membri għandhom iġeddu l-**fokus tagħhom fuq il-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa**, kif ukoll isaħħu l-isforzi tagħhom biex **itejbu l-provvista tal-kura primarja**. Dan jista' mhux biss jippromwovi riżultati aħjar tas-saħħa għall-popolazzjoni, iżda jtaffi wkoll il-ħtieġa għal persunal mediku speċjalizzat u għal kura fl-isptar li tiswa ħafna flus. Jibqa' wkoll vitali li l-appoġġ fuq perijodu qasir jissarraf f'azzjoni li tikseb titjib fit-tul, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Ħafna mill-aspetti li jistgħu jiġu ingranati għal dan il-għan huma barra mill-qasam tas-saħħa eż. ix-xogħol, l-edukazzjoni, l-ambjent fiżiku tal-għajxien u s-sigurtà soċjali. Dan ifisser li hija meħtieġa **kooperazzjoni transsettorjali** aktar intensiva bejn il-ministeri kif ukoll bejn il-partijiet ikkonċernati.

It-tifqigħa tal-COVID-19 serviet ukoll ta' **katalist għall-innovazzjoni**. L-isforzi biex jiġi limitat it-tixrid tal-virus, filwaqt li tinżamm il-kwalità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja, irriżultaw f'żieda bla preċedent fl-użu tat-telemediċina u soluzzjonijiet diġitali oħra madwar l-Istati Membri. Bis-sostituzzjoni taż-żjarat fiżiċi u bis-simplifikazzjoni tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tas-servizz, iż-żieda fl-użu tat-telemediċina għandha l-potenzjal li ttejjeb l-aċċess għall-kura medika, tnaqqas l-ispejjeż ġenerali u l-inugwaljanzi fl-aċċess reġjonali, u tista' tikkontribwixxi għall-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema tas-saħħa.

Fl-istess ħin, l-innovazzjoni fil-provvista tas-servizzi tal-kura tas-saħħa tista' toħloq theddida ta' żieda fid-distakk diġitali relatat ma' ħiliet diġitali limitati u kwistjonijiet ta' aċċess tal-IT. Dan jista' jkollu impatt negattiv fuq gruppi soċjali bi status soċjoekonomiku żvantaġġat, jew fuq persuni f'żoni b'infrastruttura diġitali inqas żviluppata. Gruppi bħal dawn jeħtieġ li jiġu pprovduti b'informazzjoni u appoġġ addizzjonali biex jiġi żgurat li ma jitħallewx lura. Jista' jkun meħtieġ li jinżamm approċċ imħallat, b'taħlita ta' provvista diġitali u fiżika ta' servizzi tas-saħħa, biex jiġi promoss l-aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità għal kulħadd.

B'ħarsa aktar fit-tul, għadd ta' Stati Membri qed jipproċedu bl-**implimentazzjoni tar-riformi tal-kura tas-saħħa** mnedija qabel il-pandemija. Oħrajn żvelaw pjanijiet komprensivi ġodda għar-riformi tas-sistema tas-saħħa, li jipprevedu investimenti sinifikanti ġodda fis-setturi tas-saħħa u tal-kura fit-tul matul diversi snin u bl-appoġġ tal-finanzjament tal-UE. Diversi Stati Membri qed jistabbilixxu wkoll kumitati ta' inkjesta biex jisiltu t-tagħlimiet meħuda mill-kriżi. Azzjoni abbażi tas-sejbiet ta' tali inkjesta tista' twassal għal miżuri mtejba fit-tnejjija għal kriżijiet futuri.

### **Riformi fil-qasam tal-kura fit-tul**

L-impatt qawwi tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista ta' kura fit-tul (LTC) enfasizza l-ħtieġa li jiġu rieżaminati l-iżviluppi f'dan is-settur. Fl-2020, tliet Stati Membri (FI, PT, SI,) irċevew CSR biex itejbu l-aċċess u jsaħħu r-reżiljenza tas-sistemi LTC tagħhom. Kwistjonijiet oħra bħas-sostenibbiltà, il-kosteffettività, l-aċċess, l-affordabbiltà u l-kwalità tal-kura ġew riflessi fil-premessi tas-CSR tal-2020 għal għadd ta' Stati Membri.

Ir-rieżamijiet tal-KPS u d-diskussjonijiet tematiċi relatati kkonfermaw li s-sistemi tal-kura fit-tul ġew affettwati bil-kbir mill-pandemija. Il-mortalità fid-djar tal-kura rrappreżentat parti sinifikanti tal-imwiet kollha relatati mal-COVID-19, minħabba l-vulnerabbiltà għolja tal-utenti tagħhom għall-marda u – b'mod partikolari fl-ewwel xhur tat-tifqigħa – minħabba kwistjonijiet ta' kapaċità għall-ittejtjar u n-nuqqas ta' tagħmir protettiv personali. It-tbeġhid soċjali u l-iżolament spiss kellhom impatt negattiv fuq is-saħħa (b'mod partikolari s-saħħa mentali tagħhom) u l-benessri tar-residenti f'faċilitajiet tal-kura fit-tul. Ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-kura għall-persuni li jindukraw b'mod informali, li ħafna minnhom huma nisa, saret aktar diffiċli. F'xi pajjiżi, il-fornituri ta' appoġġ professjonali naqqsu s-servizzi tagħhom, u komplew iżidu l-persjoni psikoloġika esperjenzata mill-persuni li jindukraw.

L-awtoritajiet pubbliċi wiegħbu għall-għadd kbir ta' sfidi billi introduċew għadd ta' miżuri fuq perijodu qasir biex tinżamm il-provvista tal-kura fit-tul u biex jitħarsu l-ħajjiet tal-utenti u tal-persuni li jindukraw. Il-kooperazzjoni mill-qrib tal-awtoritajiet soċjali u tas-saħħa għet individwata bħala partikolarment importanti fit-trażżin tal-pandemija, madankollu r-rieżamijiet tal-KPS urew li l-kooperazzjoni bejn is-servizzi soċjali u s-sistemi tal-kura tas-saħħa għandha tissaħħa.

Lil hinn mill-pandemija tal-COVID-19 u fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Ewropa, jeħtieġ li l-Istati Membri jkomplu bl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw l-isfidi strutturali fir-rigward tal-kura fit-tul. Dawn jinkludu, b'mod partikolari, kif: jipprovdu aċċess affordabbli u adegwat għal servizzi ta' kura fit-tul għal dawk kollha fil-bżonn; jipprovdu servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità tajba; jiżguraw forza tax-xogħol tal-kura fit-tul adegwata u jappoġġaw lill-persuni li jindukraw b'mod informali; u jiffinanzjaw sistemi ta' kura fit-tul fi żminijiet ta' domanda dejjem akbar għall-kura u forza tax-xogħol li qed tiċkien. Analiżi aktar dettaljata tal-isfidi komuni ewlenin hija disponibbli fir-Rapport konġunt tal-2021 dwar il-kura fit-tul, imħejji mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea.

Anness 1: Konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiż mis-Sorveljanza Multilaterali tal-EMCO

Anness 2: Konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiż mir-Reviżjonijiet Multilaterali tal-Implimentazzjoni tal-KPS

Anness 3: Konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiż mir-rieżamijiet multilaterali konġunti tal-EMCO u l-KPS